MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 173/2011

**Malta Enterprise**

**Vs**

**Mark Caligari u Affordable Homes Limited**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma ta' tnax-il elf erbgha mija u sebgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€12,477.52), rimbors ta' flus li gew allokati bhala ghajnuna finanzjarja li nghatat permezz ta' letter of intent datata 24 ta' Awwissu 2007 (Dok. B). L-attrici ssostni li l-konvenuti ghandhom dmir jirrifondu l-flus peress li n-negozju li ghalih inghatat l-ghajnuna finanzjarja, baqa' ma

nfetahx. Il-kawza saret permezz tal-procediment sommarju specjali (Artikolu 167 tal-Kap. 12).

Mill-atti jirrizulta li l-kumpannija konvenuta kienet applikat ghall-ghoti ta' ghajnuna finanazjarja sabiex tiftah hanut taz-zraben (Dok. A). Skond il-letter of intent:-

*"The assistance is being made available at Malta Enterprises sole discretion and it reserves the right to revoke the letter of intent, review and/or change any of the conditions as developments warrant."*.

Fit-3 ta' Settembru 2007, dan id-dokument gie ffirmat minn Mark Caligari li ddeskriva lilu nnifsu bhala Managing Director. Skond dan l-istess dokument, in-negozju kellu jibqa' miftuh ghall-perjodu ta' hames (5) snin *"from the award of the grant"*, u l-ghotja kienet ta' hamest elef tlett mija u sitta u sebghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm5,376.41).
Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2011 il-qorti tat id-dritt lill-konvenut Caligari sabiex jiddefendi ruhu billi jipprezenta risposta guramentata. Ghall-kumpannija konvenuta hadd ma deher ghalkemm fit-22 ta' Gunju 2011 ipprezentat nota skond l-Artikolu 170 tal-Kap. 12.

Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-kumpannija konvenuta ghandha *prima facie* eccezzjonijiet x'taghti, jew li l-procedura adottata m'hijiex regolari. Id-dicitura tal-*letter of intent* hi cara, u m'huwiex rilevanti x'inhuma r-ragunijiet ghalfejn il-kumpannija konvenuta ma fethitx il-hanut[1]. Dan apparti l-fatt li fis-seduta tal-lum ma deherx rapprezentant tal-kumpannija konvenuta.

**Ghaldaqstant, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza fil-konfront ta' Affordable Homes Limited billi tilqa' t-talbiet in kwantu dawn saru fil-konfront ta' din il-kumpannija, u ghalhekk tikkundanna lill-istess**

[1] Min-nota prezentata minn Affordable Homes Limited fit-22 ta' Gunju 2011, il-konvenuta tammetti li l-hanut ma nfetahx ghan-negozju. Bla bazi wkoll hi t-tezi li t-talba hi intempestiva, peress li minn qari tal-letter of intent hu car li l-ghan tal-ghotja kien biex il-beneficjarju jkun jista' jopera negozju ghall-perjodu ta' hames snin mill-ghoti tal-*grant*.

**sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' tnax-il elf erbgha mija u sebgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€12,477.52).**

**Bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-kumpannija konvenuta, u bl-ispejjez relatati ma' din is-sentenza kontra l-istess**.

**Certament tibqa' mpregudikata l-posizzjoni ta' Mark Caligari li qieghed isostni li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex l-ghajnuna finanzjarja nghatat lill-kumpannija konvenuta**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------